MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2004

Appell Civili Numru. 722/1995/1

**Leslie Causon ghan-nom u in rappresentanza ta' Gasan Insurance Agency Limited u din bhala agent u mandatarja tas-socjeta` estera General Accident Fire and Life Assurance Corporation PLC ta' Perth, Scotland u din kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha d-ditta Francis Bajada skond il-ligi u skond l-polza ta' assigurazzjoni u b'nota tat-13 ta' Awissu 2001 Gasan Mamo Insurance Agency Limited gja Gasan Insurance Agency Limited bhala agent u mandatarja tas-socjeta` estera CGU Insurance Plc ta' Perth Scotland, gja General Accident Fire and Life Assurance Corporation plc, wkoll ta' Perth Scotland**

**assumiet l-atti tal-kawza qua attrici u dan stante mergers lokali u esteri tas-socjetajiet koncernati.**

**v**

**Frederick Frendo ghan-nom u in rappresentanza ta' Palm Shipping Agency limited u din bhala agent ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` estera Bowler International Freight Limited u James Gustaf Gollcher ghan-nom ta' O.F. Gollcher & Sons Limited bhala operators lokali u b'nota tad-19 ta' Gunju, 1995 Michael Chetcuti bhla mandatarju specjali ghan-nom u in rappresentanza ta' O.F. Gollcher and Sons Limited assuma l-atti flok James Gustaf Gollcher**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:-**

B'citazzjoni ppresentata quddiem l-allura qorti tal-Kummerc fil-25 ta' Mejju, 1995 is-socjeta` attrici ppremettiet illi d-ditta Francis Bajada importat mill-Ingilterra ghall-Malta 10 kaxxi li jikkontjenu "suits & jackets" li waslu Malta fit-28 ta' Ottubru 1994 abbord l-vapur Norasia Hong Kong; illi meta l-merkanzija giet rilaxxjata lill-importatur instabu diversi nuqqasijiet u dan fil-valur ta' LM707 li ghalihom huma responsabbli l-konvenuti; illi l-importatur kien assigurat mas-socjeta` attrici u gie kompensat bil-valur fuq imsemmi u saret id-debita surroga; is-socjeta` attrici ghalhekk talbet li dik il-Qorti:-

1. tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli ghan-nuqqasijiet fuq imsemmija;
2. tikkundannahom jhallsu lill-attur is-somma ta' LM707 ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet mid-data tal-presentata tac-citazzjoni kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

B’nota tas-16 ta’ Gunju, 1995 il-konvenut Frederick Frendo nomine eccepixxa illi fil-konfront tieghu d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontrih stante illi l-konsenja in kwistjoni giet Malta permezz ta’ Excel Shipping ta’ essex l-Ingilterra liema socjeta` hija rappresentata f’Malta mhux mill-konvenut Frendo izda mill-konvenut l-iehor Gollcher Company Limited. Ghalhekk m’hemm l-ebda relazzjoni guridka bejn l-attur nomine u l-esponent nomine.

B’nota tad-19 ta’ Gunju, 1995 is-socjeta` O.F. Gollcher & Sons Limited eccepiet illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress li s-socjeta` konvenuta ma kienet bl-ebda mod responsabbli ghan-nuqqasijiet in kwistjoni.

**Is-sentenza appellata.**

B’sentenza tas-6 ta’ Lulju, 2001 il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza billi, kif jinghad fil-parti dispozittiva:
*“Tilqa’ l-ewwel talba fil-konfront tal-konvenut Michael Chetcuti bhala mandatarju specjali tas-socjeta` O F Gollcher & Sons Limited u tiddikjara lill-istess Michael Chetcuti nomine responsabbli ghan-nuqqasijiet in kwistjoni, filwaqt li tillibera lill-konvenut l-iehor Frederick Frendo ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` konvenuta Palm Shipping Agency Limited mill-osservanza tal-gudizzju.*

*“Tilqa’ t-tieni talba billi wara li tillibera lil Frederick Frendo nomine mill-osservanza tal-gudizzju, tikkundanna lil Michael Chetcuti nomine ihallas lill-attur nomine s-somma ta’ seba’ mija u seba’ liri Maltin (LM707);*

*“L-ispejjes kif mitluba fic-citazzjoni u bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni lill-konvenut Michael Chetcuti nomine, jithallsu mill-istess Michael Chetcuti nomine.”*

Is-socjeta` O.F. Gollcher & Sons Limited hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq imsemmija u ghalhekk b’rikors ipprezentat fl-20 ta’ Lulju, 2001 talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza fuq imsemmija jew subordinatament u jekk ikun

il-kaz tirriformaha fis-sens illi zzomm iz-zewg konvenuti responsabbli bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-partijiet l-ohra jew min minnhom skond il-kaz.

In sostenn ta' din it-talba gie sottomess hekk:-
"Illi l-esponent hass ruhu aggravat b'din is-sentenza u ghalhekk qieghed umilment jinterponi appell minnha quddiem din l-Onorabbli Qorti.

Illi kif tajjeb sostniet l-ewwel Onorabbli Qorti, il-polza ta' kariku in kwistjoni ma thalli ebda dubju illi f'dan il-kaz it-trasportatur ma kien hadd iehor hlief Bowler International Freight Limited li f'Malta u f'dawn il-proceduri huma rapprezentati mid-ditta Palm Shipping Agency. L-unika konnessjoni li l-esponent nomine kellu ghalhekk f'dan it-trasport kien illi huwa kellu fil-kustodja tieghu l-merkanzija minn meta tnizzlet minn abbord il-bastiment li wassalha f'Malta sakemm din eventwalment giet rilaxxjata lir-ricevitur jew il-burdnar f'Malta.

Illi t-tezi ta' l-esponent f'din il-kawza hi semplicement illi huwa irrilaxxja l-merkanzija fl-istess stat u kundizzjoni li giet originarjament konsenjata fil-bond tieghu. Ta' min jirrileva illi din il-merkanzija kienet f'ghaxar kaxxi maghluqa u fihom kien hemm numru ta' ggieget. Hadd ma fetah dawn il-kaxxi qabel ma gew konsenjati fil-bond ta' l-esponent nomine sabiex jghodd jew ahjar jivverifika l-kontenut tal-kaxxi in kwistjoni. Kemm il-fizzjal tad-dwana li ivverifika l-kaxxi fil-mument li nhattu minn gewwa l-container kif ukoll il-fizzjal l-iehor li ivverifika x-xoghol meta gie rilaxxjat minn gewwa l-bond ta' l-esponent lill-burndar inkarigat, ikkonfermaw illi ma kien hemm ebda rimarki x'jitnizzlu dwar l-istat ta' dawn il-kaxex. Sahansitra infethu tlett kaxxi u ma gie notat ebda nuqqas.

Illi ghalkemm jirrizulta illi meta r-ricevitur fetah il-kaxxi gewwa l-hanut tieghu kien hemm xi nuqqasijiet, il-kwistjoni kollha hawn hi jekk l-attur issodisfax l-oneru tal-prova li legalment jispetta lilu fis-sens li tali nuqqasijiet avveraw ruhhom fil-perjodu limitat li l-esponent nomine kellu fil-kustodja tieghu l-merkanzija tieghu. Huwa sottomess illi din il-prova ma saritx u f'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk ma

kien jezisti ebda biex l-ewwel Qorti tikkundanna lill-esponent biex jaghmel tajjeb ghad-danni pretizi. Meta fil-fatt il-Qorti kienet rinfaccjata bil-provi cari illi l-kaxex in kwistjoni gew rilaxxjati intatti minn gewwa l-bond, kien jispetta lill-attur li jgib il-provi dwar fejn u kif avveraw in-nuqqasijiet.

L-esponent umilment jissottometti illi ma jistax jifhem kif l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni illi n-nuqqasijiet avveraw ruhhom gewwa l-bond ta' Gollcher meta fi kliemha stess "l-erba' kaxxi li minnhom ittiehdu xi affarijiet kienu mbaghbsa b'mod sottili hafna u ma kienx possibbli li dak li jkun jinduna malajr bin-nuqqasijiet…" L-unika fatt ta' riljev huwa illi s-sigilli kienu f'kull stadju intatti u fuq kollox jirrizulta wkoll illi ghalkemm dawn il-kaxxi gew konsenjati fil-bond ta' l-esponent sigillati bit-tape, dawn il-kaxxi baqghu hekk sigillati bit-tape sakemm gew rilaxxjati.

Il-fatt illi meta l-merkanzija giet konsenjata lill-esponent, din tpoggiet fuq xkaffa fl-gholi b'tali mod illi ma kienux facilment accessibbli, juri jekk xejn il-mod ghaqli u diligenti li bih hadem l-esponent. Jekk xejn dan jista' jigi wkoll interpretat fis-sens illi galadarba l-kaxxi kienu jaghtu lok ghal xi suspett ghax it-tape kien indikattiv ta' dan, l-esponent ried jevita li jsehhu xi nuqqasijiet ulterjuri.

Illi finalment u minghajr pregudizzju ghall-premess, wiehed ghandu wkoll izomm quddiem ghajnejh il-fatt illi merkanzija bhal din tkun ghaddiet minn diversi idejn u cioe` minn gewwa l-bond tat-trasportatur qabel ma titghabba fuq il-vapur, abbord il-vapur u finalment ghand il-bond operatur lokali. Fin-nuqqas ta' prova cara li tindika min mill-partijiet koncernati seta' kien responsabbli ghan-nuqqasijiet, il-Qorti ghandha zzomm il-partijiet ugwalment responsabbli."

Fir-risposta taghha ppresentata fit-13 ta' Awissu 2001 s-socjeta` attrici appellata talbet li, ghar-ragunijiet hemm esposti, l-appell tal-konvenut nomine ghandu jigi michud bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra tieghu u minghajr pregudizzju u sussidjarjament ghall-istess, f'kaz li l-appell

jigi akkolt, li t-talbiet attrici jigu akkolti fil-konfront tal-ko-konvenut Frederick Frendo noe, bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra tieghu.

Is-socjeta` Palm Shipping Agency Limited nomine kif rappresentata minn Frederick Frendo wkoll resqet risposta ghall-appell tas-socjeta` Gollcher fejn gie sottomess li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellanti.

L-aggravju tas-socjeta` appellanti huwa basikament indirizzat lejn l-apprezzament hazin li ghamlet l-ewwel qorti tal-provi prodotti billi, skond l-istess socjeta` appellanti, dawn ma kienux tali li jwasslu ghal dikjarazzjoni ta' responsabbilita` tas-socjeta` appellanti ghan-nuqqasijiet riskontrati fil-merkanzija in kwistjoni.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti.**

Minn qari akkurat tar-rikors ta' l-appell kif ukoll ir-risposti, jidher li bejn il-kontendenti ma hemmx kontestazzjoni dwar il-konkluzzjoni li wasslet ghaliha  l-ewwel qorti fir-rigward ta' l-eccezzjoni sollevata mis-socjeta` Palm Shipping, u cioe`  li "*hija s-socjeta` Palm Shipping bhala agenti tas-socjeta` Bowler li ghandha tkun responsabbli ghal kull nuqqas li jirrizulta li sehh <u>f'kull stadju tal-garr tal-merkanzija sakemm din waslet Malta</u> u mhux id-ditta Gollcher bhala agenti ta' Excel kif qed jigi pretiz (sottolinear ta' din il-Qorti)*. Din il-konkluzzjoni mhux biss ixxejjen l-eccezzjoni ta' din is-socjeta` konvenuta fis-sens li "*m'hemm ebda relazzjoni guridika bejn l-attur nomine u l-esponent nomine"* izda ukoll setghet twassla ghal dikjarazzjoni ta' responsabbilita` fil-konfront ta' l-istess socjeta` konvenuta Palm Shipping kemm-il darba kien irrizulta li n-nuqqasijiet fil-merkanzija avveraw ruhhom waqt li l-istess merkanzija kienet "in transit" fuq il-bastiment. Izda jidher li wara li l-ewwel qorti stabbilit dan il-fatt marret oltre billi rriteniet li kull nuqqas fil-merkanzija ma giex riskontrat waqt it-tragitt mill-Ingilterra ghal Malta izda wara li l-istess merkanzija giet skarikata minn abbord u ttiehdet fil-Bonded Stores tas-socjeta` Gollcher. Infatti

fis-sentenza appellata insibu li l-ewwel qorti esprimiet ruhha hekk f'dan ir-rigward: "*Illi ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li l-hwejjeg insterqu mill-kaxxi meta dawn kienu* *<u>fil-bond ta' Gollcher</u>" (sottolinear ta' din il-Qorti).*

Jidher li mhux kontestat li parti mill-merkanzija destinata lid-ditta Francis Bajada naqset u li din d-ditta thallset l-indenniz skond il-polza ta' assikurazzjoni, liema hlas jirradika d-dritt tas-socjeta` attrici li tistitwixxi din il-kawza. Il-kwistjoni ghalhekk hija wahda purament ta' fatt u cioe` jekk il-provi prodotti jurux li n-nuqqasijiet kienu dovuti minhabba tort tas-socjeta` appellanti jew minhabba cirkostanzi ohra u, fil-kaz li s-sottomissjoni tas-socjeta` appellanti hija fondata, jekk l-appell incidentali interpost mis-socjeta` attrici ghandux fondament.

F'dan il-kuntest jidher li l-ewwel qorti ghamlet ezami dettaljat tal-provi prodotti u, wara li kkonfessat li "*mhux facli biex wiehed jiddetermina f'liema stadju sehhew in-nuqqasijiet*" ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:-

"*Kif jidher mir-ritratt BF4 (li jinsab fuq it-tergo a fol 88) il-kaxxi kellhom hadida orizzontali fuq in-naha ta' fuq li maghha kienu mqabbdin l-ispallieri bil-ggieget/suits. Fuq il-kaxxi stess jidhru l-kliem "HANGING GARMENTS" (ara ritratt BF3, fol 88) li jindikaw li l-ggieget huma imdendlin u mhux mtiwijin. Ghalhekk wiehed jista' jimmagina li fuq in-naha ta' fuq hemm xi hadida li minnha huma imdendlin il-ggieget u li konsegwentement huwa pjuttost difficli biex wiehed jipprova jiftah il-kaxxa min-naha ta' fuq. Jirrizulta mill-provi illi l-kaxxi kienu stivati rashom 'l isfel fil-bonded stores tad-ditta Gollcher. Ma jirrizultax jekk kienux stivati mall-ewwel rashom 'l isfel jew jekk xi hadd dawwarhomx wara li kienu diga' ddahhlu gol-bonded stores. Pero` kien ovvjament aktar facli ghal dak li jkun biex jisraq xi haga mill-kaxxi diment li dawn ikunu rashom l-isfel. Sinifikattiva wkoll hija r-rimarka metaforika dwar il-"grieden" li saret lil Karl Bajada da parti ta' xi hadd mill-bond ta' Gollcher, ghalkemm kontro-ezaminat, l-istess Bajada ma kienx f'posizzjoni li jghid min kienet il-persuna li ghamlet tali rimarka;*

*"Illi ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li l-hwejjeg insterqu mill-kaxxi meta dawn kienu fil-bond ta' Gollcher."*

**Ikkunsidrat:**

Illi bil-mod kif inhu impostat l-appell tas-socjeta` konvenuta hija rilevanti s-sottomissjoni maghmula fir-risposta tas-socjeta` Gasan Mamo Insurance Agency Limited fejn jinghad hekk:-
"*Illi l-appell principalment huwa ibbazat fuq evalwazzjoni ta' fatti. L-Ewwel Onorabbli Qorti kellha l-opportunita` li tisma l-provi kollha u l-istess gudikant li sema l-provi wasal ghall-konkluzzjoni li l-provi prodotti jwasslu ghall-akkoljiment tat-talbiet attrici kontra l-appellant, konvenut Gollcher appellant.*

*"L-esponent jissottometti li fir-rikors tal-appell ma intqal xejn gdid li ma giex gja ikkonsidrat mill-Ewwel Onorabbli Qort u ghalhekk m'hux l-kaz li l-ezercizju maghmul mill-Ewwel Onorabbli Qorti jigi b'xi mod disturbat."*

Daqstant hija valida fir-rigward l-osservazzjoni li saret mis-socjeta` Palm Shipping Agency fir-risposta taghha li "*Meta Qorti ta' Prim Istanza taghmel evalwazzjoni tal-provi u tasal ghall-konkluzzjonijiet taghha, Qorti ta' l-Appell m'ghandha qatt tiddisturba dik l-evalwazzjoni u apprezzament tal-provi u tal-fatti sakemm l-istess apprezzament ma jkunx manifestament erroneu u minhabba f'hekk ikun jikkostitwixxi 'a miscarriage of justice'.*

Evalwati l-provi din il-Qorti ma ssib ebda raguni l-ghala ghandha tiddipartixxi mill-konkluzzjonijiet ta' l-ewwel qorti. Infatti f'kazijiet simili huma l-fatti li ghandhom jiggwidaw il-gudikant fid-deliberazzjonijiet tieghu u d-decizjoni li jasal ghaliha. Ghandu jigi osservat li trasport ta' merkanzija minn pajjiz barrani lejn Malta jinvolvi diversi persuni u daqstant relazzjonijiet guridici. Il-merkanzija tigi kkonsenjata mill-esportatur lill-'carrier', dan igorrha sa Malta fejn tinhatt u titqieghed, f'okkazzjonijiet, gewwa

bonded stores sakemm, wara li jsiru l-pratiki mehtiega u jithallas id-dazju, tigi konsenjata lill-burdnar li jgorra sal hanut jew mahzen tal-importatur jew ricevitur. F'kull stadju nsibu kontrolli, intizi dawn mhux biss biex jissalvagwardaw lir-ricevitur, izda ukoll biex, f'kaz ta' hsara jew nuqqasijiet, jigi determinat min huwa responsabbli ghall-eventwali risarciment tad-danni.

Issa mill-provi prodotti, kif normalment isir f'dawn ic-cirkostanzi, jidher car li l-merkanzija ordnata giet imqieghda go 'container' bis-sigilli appoziti u imbarkata biex tingar lejn Malta. F'dan l-istadju ma jidhirx li jista' jinghad li rrizulta xi nuqqas. Infatti fuq il-Bill of Lading a fol 5 tal-process hemm dikjarat li l-merkanzija kienet "*Received and shipped in apparent good order and condition on board the above ocean vessel ……(Contents and description, measurements, weights, quantity and condition quality and value as declared by the shipper).*" Dan meta l-"*gross weight*" indikat fl-istess Bill of Lading tal-merkanzija in kwistjoni huwa identiku ghal dak indikat fl-'invoice' rilaxxat mill-esportatur lid-ditta Francis Bajada (fol 8) u cioe` 183 kilograms.

Il-merkanzija waslet Malta u hawn gie certifikat mill-Ufficjal tad-Dwana Salvu Grima, li kien presenti waqt il-ftuh tal-'container', li s-sigilli kienu intatti. Dan jista' jfisser biss li l-'container' ma kienx infetah waqt il-vjagg u li konsegwentement l-istess merkanzija ma setghetx giet nieqsa matul dan il-perjodu tat-tragitt taghha. F'dan is-sens din il-Qorti hija sodisfatta li l-konkluzzjoni ta' l-ewwel qorti dwar assenza ta' responsabbilita` tal-carrier hija korretta.

Il-kaxxex gew mahruga mill-container u mqeghda fil-bonded stores tas-socjeta` Gollcher minn fejn, wara xi zmien, gew mahruga u kkonsenjati lill-burdnar. In-nuqqasijiet ghalhekk setghu, teoretikament, irrizultaw kemm meta l-merkanzija kienet fil-pussess u taht il-kontroll tas-socjeta` Gollcher kemm meta din giet mghoddija lill-burdnar. Biss mix-xhieda ta' Karl Bajada, tas-socjeta` importatrici, jirrizulta li huwa mar flimkien mal-burdnar biex jiehu konsenja tal-merkanzija mill-bonded

stores tas-socjeta` Gollcher u minn hemm baqa sejjer sal hanut tieghu fejn kellha tigi konsenjata l-istess merkanzija. F'dan il-perjodu ghalhekk jidher li kien wisq improbabbli u sahansitra difficli li l-burndar jew l-impjegati tieghu, jifthu l-kaxxex kollha biex minnhom jiehdu xi 'items' ta' merkanzija.

Tibqa` ghalhekk is-socjeta` Gollcher li kellha fil-pussess taghha l-istess merkanzija ghal xi zmien u, bil mod kif din l-istess merkanzija giet stivata fil-mahzen taghha, ma jhalli ebda dubbju li kien f'dan il-perjodu li l-merkanzija giet nieqsa.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tas-socjeta` O.F. Gollcher & Sons Limited qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjes kontra l-istess socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------